# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
# Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur John Spiteri]**
**[Spettur Matthew Spagnol]**

**vs**

**-OMISSIS-**

**Kumpilazzjoni Numru: 184/2017**

**Illum, sbatax (17) ta' Novembru, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **-Omissis- detentur tal-karta tal-identità -Omisssis-** akkuzat talli:

**F'dawn il-Gzejjer fix-xhur ta' bejn Awwissu, 2016 u Dicembru, 2016 b'diversi atti maghmulin minnu wkoll**

**jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:-**

1. **Ippartecipa f' attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-eta` u cioe` -Omissis- ID: -Omissis-.**
   ***Art. 204C (1), Art. 208AC (1)(b) 2(a) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta***

2. **B'ghemil zieni, kkorrompa persuna taht l-eta` u cioe` -Omissis-ID: -Omissis-.**
   ***Art. 203(1) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta***

3. **U aktar talli permezz ta' xi network jew apparat ta' kommunikazzjoni elettronika hedded lil -Omissis-ID: -Omissis-.**
   ***Art 49 (a) ta' Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta***

4. **U aktar talli permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika ghamel uzu iehor mhux xieraq bih.**
   ***Art. 49 (c) ta' Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta***

5. **U aktar talli fl-istess dati, lokijiet, hinijiet u cirkostanzi ta fastidju lill--Omissis-ID: -Omissis-, u**

**b'mod li jkun jaf jew li kien imissu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghall-istess -Omissis-.**
***Art. 251A ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta***

6. **U aktar talli fl-istess dati, lokijiet, hinijiet, u cirkostanzi ingurja jew hedded, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni lill -Omissis-ID: -Omissis-.**
***Art. 339 (e) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.***

**Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xieraq.**

**Il-Qorti giet mitluba li jekk jidrilha xieraq tordna ordni ta' trattament skond Art 412D ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tlieta (3) ta' Novembru, 2020 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikoli 204C (1) u 251A (1)(a)(b)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif kien qabel l-emendi tal-Att XIII tas-sena 2018;
2. Fl-Artikoli 203 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif kienu qabel l-emendi tal-Att XXIII tas-sena 2017;
3. Fl-Artikoli 208AC (1)(b)(2)(a) u 339 (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 49 (a)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikoli 412C, 412D, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-Artikoli 17, 18 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Fl-Artikoli 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

Rat ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-parte civile kif ukoll dik tad-difiza datati disgha (9) t'Ottubru 2023 u wiehed u tletin (31) t'Ottubru 2023 rispettivament.

## IKKUNSIDRAT

Illi semghet l-**Ispettur John Spiteri** li pprezenta l-istqarrija tal-imputat (immarkat bhala Dok. JS1), estratt tat-twelid tal-parte civile -Omissis- (immarkat bhala Dok. JS2), u mobile phone (immarkat bhal Dok. JS3). Jghid li fid-dsatax (19) ta' Dicembru tas-sena 2016 l-Ghassa ta' San Giljan irceviet rapport minghand omm il-parte civile u cioè -Omissis- li kienet skopriet illi t-tifel taghha -Omissis- kellu x'jaqsam sesswalment mal-imputat -Omissis-. Jixhed li fl-ghoxrin (20) ta' Dicembru tas-sena 2016 hu baghat ghall-parte civile flimkien m'ommu fejn l-istess parte civile ghamel dikjarazzjoni rigward tali rapport.

Jghid li -Omissis- kien spjega li fiz-zmien ta' bejn Awwissu u Dicembru tas-sena 2016 hu kellu x'jaqsam sesswalment mal-imputat -Omissis-. Ikompli jghid li l-parte civile

spjegalu li din ir-relazzjoni bdiet fil-festa ta' San Gwann u cioè fil-bidu tax-xahar t'Awwissu fejn l-imputat kien raqad gewwa r-residenza ta' -Omissis-. Jghid li din kienet pjanata u li flimkien maghhom kien hemm anka hbieb taghhom, fosthom certu -Omissis-. Jixhed li l-parte civile kien spjegalu li fi tmiem il-gimgha ghall-habta tal-festa ta' San Gwann ma kien gara xejn l-ewwel lejl izda kien fit-tieni lejl li l-imputat qabbad lill-parte civile biex jippartecipa f'atti sesswali. Ikompli jghid li l-istess -Omissis- spjegalu li l-istess gara fiz-zmien tal-festa tas-Sacro Cuor tas-Sliema u dan fir-residenza tan-nanna ta' -Omissis-.

Jghid li l-parte civile qatt ma kien ha sehem f'attivitajiet sesswali qabel l-allegat reat tant li l-istess parte civile beda jhossu skomdu u jiddejjaq jippartecipa f'tali atti mal-imputat. Jispjega li l-parte civile -Omissis- sahaq li f'Ottubru sehhew okkazjonijiet simili fejn ippartecipa f'attivitajiet sesswali mal-imputat. Proprju f'Dicembru l-parte civile kien ikkomunika tramite messaggi mal-imputat biex jinformah li xtaq iwaqqaf din ir-relazzjoni izda l-istess imputat insista sabiex tali relazzjoni titkompla. Jixhed li din l-insistenza ghat-tkomplija tar-relazzjoni da parti tal-imputat kienet qed isir flimkien ma' messaggi skambjati ta' theddid.

Jghid li fuq dan l-ahhar punt l-imputat kien jhedded lill-parte civile li jekk ma kinux ser ikomplu r-relazzjoni taghhom allura kien ser jipprosegwi sabiex itella' messaggi intimi flimkien ma' ritratti ghal fuq l-internet. Jghid li fuq dan kiseb mandat ta' arrest u tfittxija fil-konfront tal-imputat. Ikompli jixhed li qabel ma ttiehdet l-istqarrija hu kien informa lil -Omissis- bid-drittijiet tieghu u fil-fatt l-istess imputat kien irrilaxxa stqarrija fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu. Jghid li fl-istqarrija l-imputat kien ammetta li fil-fatt kien ippartecipa f'attivitajiet sesswali mal-imputat -Omissis-.

Jghid li fl-istqarrija ssemmew diversi persuni bhala xhieda min-naha tal-imputat izda hu ma kellimhomx izda ha nota taghhom. Jispjega li hu ma hassx il-bzonn li jitkellem ma' tali persuni fl-investigazzjoni tieghu stante l-fatt li l-akkuzi nhargu abbazi ta' xi ntqal mill-imputat fl-istqarrija tieghu.

Semghet ix-xhieda ta' **PC750 Terry James Mallia** li pprezenta okkorrenza mmarkata bhala Dok. TJM1. Jghid li fid-dsatax (19) ta' Dicembru tas-sena 2016 gie l-parte civile -Omissis- gewwa l-Ghassa ta' San Giljan ma' ommu -Omissis- u missieru -Omissis- fejn hu allega li kien qed jigi rikattat mill-imputat -Omissis- tramite chat logs minn fuq Facebook. Jghid li l-parte civile anka allega li seta' kien

hemm ritratti ta’ natura sesswali li jinvolvu kemm lilu kif ukoll l-imputat. Jispjega li l-parte civile kellu tlettax (13)-il sena meta ghamel dan ir-rapport filwaqt li l-imputat kellu sbatax (17)-il sena. Jghid li l-parte civile spjegalu li kien jigi sfurzat sabiex jippartecipa f’attivitajiet sesswali mal-imputat.

Jghid li l-parte civile kien semma habiba wahda fir-rapport tieghu izda li din il-habiba mhix edotti bil-fatti kollha tal-ilment tieghu. Spjega li l-isfurzar deskritt mill-parte civile l-ewwel kien jikkonsisti bi kliem izda iktar tard kien jikkonsisti f’rikatt li l-istess imputat ser jippubblika messaggi u ritratti intimi fuq l-internet u dan madwar tliet (3) darbiet. Jghid però li hu ma rax dawn il-messaggi.

Semghet ukoll ix-xhieda ta’ **WPC278 Sheronia Buhagiar** li tghid li kienet prezenti meta gie mitkellem il-parte civile -Omissis-. Tghid li taf l-imputat u li kienet prezenti meta gie mitkellem gewwa l-Ghassa ta’ San Giljan. Tghid ukoll li meta kienet qaltlu jekk riedx id-dritt ta’ assistenza legali l-istess imputat beda jinkwieta u jibza’. Tixhed li l-imputat gie arrestat fuq attivitajiet sesswali fil-konfront ta’ -Omissis- li dak iz-zmien kien minuri.

Semghet ix-xhieda ta' **-Omissis-** li tghid li hija omm il-parte civile. Tixhed li hi taf lill-imputat tramite t-tifel taghha stante li kienu hbieb u b'hekk ilha tafu ghal xi sentejn (2). Tixhed li gie fuqha l-parte civile -Omissis- biex ikellimha fix-xahar ta' Dicembru tas-sena 2016. Tixhed li l-parte civile kien spjegalha li kien hemm relazzjoni ezistenti bejnu u bejn l-imputat -Omissis- u li sahansitra kien ikun hemm ukoll attivitajiet ta' natura sesswali.

Tixhed li l-ewwel darba li sehhew dawn l-attivitajiet kien gewwa d-dar taghha fil-bidu t'Awwissu u li tali attivitajiet kienu jikkonsistu fi tbaghbis. Tghid li dan u iktar kien isehh b'mod ripetittiv matul hames xhur. Tkompli tixhed li -Omissis- kellu tlettax (13)-il sena waqt li l-imputat kellu sbatax (17)-il sena. Tixhed ukoll li ma kinitx taf li kien hemm relazzjoni ghaddejja bejn l-imputat u l-parte civile. Tghid li hi kienet tarahom jagixxu bhala hbieb ma' xulxin u li kienet tohroghom maghha u mar-ragel taghha -Omissis-. Izzid tghid ukoll li kienet tohroghom ghall-festi u li xi kultant kienet anka tigi tfajla bl-isem ta' -Omissis-.

Tkompli ttenni li hi kienet tarahom bhala hbieb stante li hekk kien jghidilha l-parte civile -Omissis-. Tixhed li f'certu mumenti nnotat li l-parte civile u l-imputat kienu jiggieldu bejn xulxin minkejja li huma hbieb. Tghid li l-parte civile

qalilha li l-imputat kien qed jigi mhedded li l-istess imputat kien ser jippubblika certu affarijiet tramite Facebook kif ukoll verbalment. Tixhed li hi rat messaggi minghand l-imputat jhedded lill-parte civile billi jiktiblu: “ha nitfaghhom”.

Tghid li rigward theddid b’mod verbali dan kien sehh darbtejn. Darba fi zmien il-karnival meta l-parte civile kien tela’ l-Belt u kien qieghed isib lill-imputat isegwih u darb’ohra waqt attività gewwa San Gwann spikka l-imputat wara l-parte civile li kien hdejha u hdejn -Omissis-. Tammetti li kienet taf li hemm diskrepanza ta’ erba’ (4) snin bejn l-imputat u l-parte civile u kienet twissi lill-istess parte civile sabiex joqghod attent.

Semghet ix-xhieda ta’ **-Omissis-** li huwa missier il-parte civile -Omissis-. Jghid li sar jaf minghand martu -Omissis- li l-imputat kellu x’jaqsam sesswalment mal-parte civile -Omissis-. Jghid li mar l-Ghassa ta’ San Giljan flimkien ma’ martu u mal-istess parte civile sabiex jaghmlu rapport fil-konfront tal-imputat. Ikompli jghid li l-ghada marru d-Depot fejn il-parte civile tkellem mal-Pulizija fil-prezenza t’ommu filwaqt li hu stenna barra. Jixhed li l-imputat jafu stante li kien habib ta’ ibnu -Omissis-. Jghid li kien jara lill-imputat u l-parte civile flimkien id-dar mal-habiba taghhom

certu -Omissis-. Jghid li harighom mieghu kemm-il darba flimkien fuq id-dghajsa tieghu kif ukoll sal-festi.

Ikompli jixhed li wara li sar dan ir-rapport fil-konfront tal-imputat, l-istess imputat kien segwa lill-parte civile darbtejn (2). Darba fil-Karnival u darb'ohra waqt attività gewwa San Gwann. Jghid ukoll li l-imputat kien ikellem lill-parte civile b'mod telefoniku u ghajr minn dak ma jiftakar b'ebda komunikazzjonijiet ohra.

Semghet ukoll ix-xhieda tal-**Ispettur Matthew Spagnol** li jghid li fid-dsatax (19) ta' Dicembru mar il-parte civile -Omissis- gewwa l-Ghassa ta' San Giljan akkumpanjat minn ommu u missieru u cioè -Omissis- u -Omissis- konjugi -Omissis-. Jixhed li l-parte civile ghamel rapport fejn allega li kellu x'jaqsam sesswalment mal-imputat -Omissis-.

Semghet ix-xhieda ta' **-Omissis-** li tghid li kienet habiba tal-parte civile u habiba tal-imputat u li kienu johorgu flimkien. Il-hrug taghhom kien principarjament ghall-festi. Tghid li l-imputat kien qalilha li hu u l-parte civile kienu f'relazzjoni. Izzid tghid ukoll li hi ma kinitx taf iktar minn hekk u li quddiemha kienu jagixxu bhal hbieb normali. Tghid li l-imputat qatt ma qalilha x'kien jigri bejnu u bejn

il-parte civile. Tghid li taf li l-imputat u l-parte civile gieli kienu ghamlu zmien miggieldin bejniethom.

Tghid li meta kienu jiltaqghu gieli jkunu d-dar ta' -Omissis-, id-dar tan-nanna ta' -Omissis- kif ukoll gieli god-dar taghha. Tkompli tghid gieli kienu jibqghu ma' xulxin sa xi nofsillejl.

Semghet ix-xhieda ta' **Graziella Abela** li giet inkarigata minn din il-Qorti kif diversement presjeduta sabiex tipprezenta traskrizzjoni tal-istqarrija tal-imputat immarkata bhala Dok. GA1.

Semghet ix-xhieda tal-allegat vittma **-Omissis-** bis-sistema tal-videoconferencing fejn gharaf lill-imputat -Omissis-. Jghid li l-ewwel darba li ltaqa' ma' -Omissis- kienet fil-festa tal-Balluta u anka minn xi attivitajiet tal-parrocca. Jghid li hu kien beda jkellem lill-imputat waqt din il-festa u li gimgha wara kien stiednu biex jorqod ghandu bejn il-hamsa (5) u t-tmienja (8) t'Awwissu fis-sena 2016. Ikompli jghid ukoll li flimkien mieghu u mal-imputat kien hemm zewg (2) tfajliet ohra. Jghid li f'dan iz-zmien tal-allegat reat kellu tlettax (13)-il sena. Jixhed li f'dan iz-zmien ukoll l-imputat kien messu fil-partijiet intimi tieghu. Jghid li kien dak il-hin li qal lill-imputat biex jieqaf izda hu pperswadih

mod iehor. Jghid ukoll li gurnata ohra l-imputat gieghlu jwettaq atti sesswali fuqu izda hu rrezista stante li ma kinux wahedhom fil-kamra tas-sodda.

Ikompli jispjega kif l-imputat ghandu habta jhedded anka ma' shabu allura stante dan it-tip ta' karattru hu kien jibza' li jekk ma jtihx li jrid allura l-imputat kien ser jikxef ma' kulhadd dwar l-atti li saru bejniethom. Jispjega li minkejja li kien jibghatlu messaggi intimi ta' mhabba dan kien kollu biex igieghel lill-imputat jirvella u jirreagixxi kontrih. Ikompli jixhed li fil-festa ta' Santa Liena kien mar joqghod ghand in-nanna tal-imputat gewwa Triq -Omissis- fejn hemmhekk hu gie penetrat mill-imputat u dan kontra l-volontà tieghu.

Jixhed li l-imputat kien jikkomunika mieghu tramite Facebook Messenger u li ghall-bidu l-messaggi kienu jkunu konverzazzjonijiet normali izda lejn l-ahhar dawn inbidlu ghal theddid li ser jikxef ma' nies ohra x'ghamlu flimkien. Jispjega li meta ried jorganizza harga ma' certu -Omissis- l-imputat ma riedx ihallih. Kien hemmhekk li fetah qalbu ma' din il-habiba u rrakkontalha kollox. Jghid li din l-istess -Omissis- kienet akkuzat lill-imputat ta' stupru. Jghid li dan l-agir iktar qajjem rabja fl-imputat u infatti t-theddid. Jispjega li kien hemmhekk meta ddecieda biex jistqarr dan

kollu mal-ġenituri tiegħu kif ukoll mas-superjuri tal-iskola ta' fejn kien jattendi. Jgħid li minn hemm mar jagħmel rapport l-għassa. Ikompli jgħid li appena li l-imputat induna li hu ma baqax iwieġbu tramite telefonati u messaġġi hu beda jtella' ritratti ta' messaġġi intimi bejniethom fuq Facebook.

Ikompli jixhed li tul ix-xhur sa Diċembru tas-sena 2016, kien hemm diversi drabi fejn l-imputat sforza ruħu fuqu u ppenetrah. Jgħid li ommu ma kinitx taf dwar x'tip ta' relazzjoni kellu mal-imputat izda kemm hi u kemm missieru ndunaw li l-istess imputat kien iċempel il-ħin kollu u li ma kienx iħallih johroġ mingħajru.

Jispjega li meta kien ikun mal-imputat ġod-dar tiegħu huma kienu jkunu ġo kamra fuq il-bejt waqt li -Omissis- tkun isfel. Jixhed li darba minnhom waqt li kienu qegħdin ibusu 'l xulxin, ommu kienet għaddiet minn ħdejn l-istess kamra izda jinsisti li hi ma kinitx rathom. Tant li fil-fatt kien bagħtilha messaġġ biex jivverifika jekk rathomx jitbewsu u rriżulta li t-tweġiba tagħha kienet li kellha suspett izda jinsisti li hi ma kienet taf b'xejn stante li hu nnega magħha li kien hemm xi tip ta' relazzjoni intima u sesswali. Ikompli jixhed li hu qatt ma kellu dawn it-tip ta'

esperjenzi la ma' persuna maskili u lanqas ma' persuna femminili.

Regghet semghet lill-**Ispettur Matthew Spagnol** fejn dan jghid li fid-dsatax (19) ta' Dicembru gie infurmat mis-surgent PS750 li kien dahal rapport ta' attività sesswali ma' minuri. Kien gie infurmat li mar il-parte civile gewwa l-ghassa ta' San Giljan u rrapporta li kellu x'jaqsam mal-imputat -Omissis-. Oltre minn hekk il-parte civile rrapporta li l-imputat kellu xi messaggi fuq Facebook li kien lest li jippubblikahom fuq l-internet. Jghid ukoll li kien ha dikjarazzjoni minghand il-parte civile l-ghada fejn intqal li l-parte civile u l-imputat kienu ltaqghu fil-festa tal-Balluta u kienu ghamlu tlett ijiem jorqdu ghand xulxin fil-festa ta' San Gwann u l-festa ta' Birkirkara. Fil-fond -Omissis- il-parte civile sahaq li l-imputat kien messu fil-parti intimi tieghu. Fil-fond tan-nanna ta' -Omissis- gewwa Triq -Omissis-, hemmhekk il-parte civile sahaq li kellu x'jaqsam sesswalment mal-imputat.

Ikompli jghid li dakinhar stess fl-ghoxrin (20) ta' Dicembru tas-sena 2016 gie mitkellem l-imputat fil-prezenza tal-avukat tieghu fejn ittiehdet l-istqarrija tieghu. Jixhed li fl-istqarrija l-imputat ammetta li kellu x'jaqsam sesswalment

mal-parte civile u ghalhekk kien gie infurmat li kienu ser jinhargu l-akkuzi fil-konfront tieghu.

Semghet ukoll ix-xhieda ta' **Dr Stephen Farrugia Sacco** li kien gie nominat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta bhala espert tekniku biex jaccessa u jezamina messaggi u l-Facebook fuq il-mobile phone esebit bhala Dok. JS3. Ipprezenta rapport dwar dan l-inkarigu mmarkat bhala Dok. SFS1.

Regghet semghet ix-xhieda ta' **-Omissis-** li giet riprodotta mid-difiza fejn din tghid li binha -Omissis- u l-imputat kienu ghamlu zmien fejn kienu hbieb sew fejn daqqa kienu johorgu u daqqa kienu joqoghdu d-dar. Tkompli tghid li tiftakar kien hemm skambju ta' messaggi fejn hi saqsiet lill-parte civile jekk gara xi haga u dan stante li kienet inkwetata fuq il-komportament tat-tifel taghha. Tghid li ma kinitx taf u l-anqas taghti kaz dwar l-orjentazzjoni sesswali tal-imputat. Tixhed ukoll li qatt ma kienet taf li l-imputat u l-parte civile kienu f'relazzjoni ma' xulxin.

Finalment semghet ix-xhieda tal-imputat **-Omissis-** li pprezenta screenshots ta' messaggi bejnu u bejn il-parte civile. Dan ikkonferma li huwa kellu relazzjoni ma' -Omissis- u jammetti wkoll illi kellu x'jaqsam sesswalment

mal-istess -Omissis-. L-imputat ikkonferma wkoll li kien jaf li -Omissis- kellu tlettax (13)-il sena. Jghid li l-parte civile kien jagixxi bhal xi hadd li huwa iktar matur ghall-età tieghu. Jghid li tul ix-xhur li kien jaf lill-parte civile hu dejjem kien accettat minn -Omissis- u -Omissis-, tant li ta' spiss kienu johorgu flimkien. Jghid li meta raqad fid-dar tal-parte civile fiz-zmien tal-festa ta' San Gwann kien fil-fatt il-parte civile stess li beda jmiss il-parti intimi tieghu.

Jghid ukoll li l-istess haga grat l-ghada u jammetti li tant kien taht xokk li ma waqqafx lill-parte civile. Jghid li minn dakinhar 'il quddiem il-parte civile kien jibghatlu tramite messaggi fuq Facebook Messenger (tali messaggi huma esibiti u mmarkati bhala Dok. DM1). Ikompli jghid li hu ma jiddeskrivix din ir-relazzjoni mal-parte civile bhala wahda intima izda iktar bhala wahda sperimentali. Jixhed li bejn Lulju u Settembru sehhew episodji fejn kellu x'jaqsam mal-parte civile sesswalment u dan gewwa d-dar tal-istess -Omissis- kif ukoll fuq l-istedina tieghu. Izid jghid li l-parte civile kien urih messagg minghand omm l-istess parte civile li tinsinwa li -Omissis- kienet taf b'din ir-relazzjoni sesswali li kien hemm bejnu u bejn -Omissis-.

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi l-imputat -Omissis- qed jigi akkuzat taht l-Artikolu 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li prezentement jghid hekk:

> *"Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax -il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn hames snin sa ghaxar snin".*

Imbaghad is-subinciz (3) tal-istess Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

> *"Meta l-ghemil ikun kunsenswali bejn il-pari, li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta' zvilupp u sa fejn l-atti ma jkunux jinvolvu abbuz fiziku u, jew psikologiku, il-piena ghandha titnaqqas bi grad jew zewġ gradi."*

Illi f'dan il-kaz m'hemmx dubju li l-att sesswali bejn l-imputat -Omissis- u l-minuri -Omissis- kien wiehed kunsenswali u minghajr abbuz fiziku jew psikologiku. Illi hareg car illi l-minuri -Omissis- kien konsapevoli ta' dan l-att sesswali tant illi minn messaggi esebiti mid-difiza fis-seduta tas-sbatax (17) ta' April tas-sena 2023 kien car ghal din il-Qorti li l-parte civile kellu certu attrazzjoni qawwija lejn l-imputat.

Illi hareg car ukoll illi l-istess -Omissis- ta' bidu ghal atti sesswali fuq l-akkuzat u dan skont kif xehed hu stess li naturalment l-istess imputat ma kellux oggezzjoni ghalih. Il-Qorti terga' tirreferi ghal messaggi esebiti mid-difiza u ma tistax ma tikkummentax li dan kollu sar bil-kunsens tal-parte civile. Kien biss meta l-parte civile hassu mhedded lejn l-ahhar li ha l-inizjattiva u ssenjala l-fatti addebitati. Intant il-Qorti tirreferi ghax-xhieda li ta l-imputat fejn ammetta li dan il-kliem kien biss ghaliex hass li l-parte civile kien qieghed jallega ma' hbieb tieghu li hu gie stuprat minnu mentri fil-verità dan ma giex ippruvat.

Illi d-difiza tipprova tiggustifika l-agir taghha billi ripetutament tinsinwa li omm il-parte civile kienet taf b'dan kollu li kien ghaddej daqs li kieku kienet komplici. Minghajr mal-Qorti tiddetermina jekk omm il-parte civile agixxietx bhala *bonus paterfamilias* dan m'ghandux jitqies bhala difiza valida ghal dawn l-akkuzi u ghalhekk il-Qorti ma hiex ser taccetta din id-difiza izda tqisha li ma hija xejn hlief tfigh ta' tajn fuq il-parte civile.

Illi jidher mill-akkuza u mic-certifikati tat-twelid esebiti fl-atti tal-istess imputat (a fol. 3) u tal-parte civile -Omissis- (Dok. JS2) illi dak iz-zmien tar-reat l-imputat kellu sittax (16)-il sena u l-parte civile kellu tlettax (13)-il sena. Illi

ghalhekk bejn l-imputat u -Omissis- kien hemm differenza ta' tliet (3) snin. Hareg ukoll mit-testimonjanza tal-imputat illi l-livell ta' zvilupp tal-parte civile kien pjuttost wiehed matur ghall-età tieghu. Dan qed jinghad ukoll ghaliex mill-atti ma hareg xejn li jindika li l-parte civile kellu xi mankanza mentali jew psikologika li timpedilu li jkollu zvilupp normali. Illi ghalhekk din il-Qorti tqis illi l-atti maghmulin miz-zewg partijiet kienu atti sesswali konsenzjenti bejn zewg minuri izda li wiehed mill-minuri kien ta' età li ma setax bil-ligi jaghmel dawn l-atti.

Illi gialadarba z-zewg partijiet involuti f'dawn l-atti kkonfermaw li sar l-att sesswali u stante li din il-Qorti setghet mill-provi prodotti tiddeduci li l-istess atti saru bil-kunsens, din il-Qorti hi sodisfatta illi s-Subinciz (3) tal-Artikolu 204C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu japplika anke jekk dan is-Subinciz gie introdott wara li twettaq dan ir-reat izda gialadarba r-regola tal-aktar piena favorevoli ghandha tapplika, din il-Qorti ser tapplikaha. Ghalhekk il-Qorti ser tapplika l-istess artikolu meta tkun qed tinfliggi l-piena li mhix ser tkun wahda karcerarja stante c-cirkostanzi tal-kaz kif ukoll meta wiehed iqis il-fedina penali tal-imputat.

Illi jinghad ukoll illi l-Qorti ma hijiex ser tapplika il-provvedimenti tal-Kapitolu 518 fil-konfront tal-imputat u dan ghaliex meta sar ir-reat l-imputat kien ghadu minorenni u ma hemm xejn fin-proceduri li jindika li hemm bzonn li ssir din l-annotazzjoni.

**IKKUNSIDRAT**

Illi din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-messaggi esebiti in atti;

Illi jidher bic-car li l-allegat theddid ma kien xejn ghajr ghal battibekk bejn tnejn min-nies li kienu f'relazzjoni intima;

Illi oltre minn hekk hija cara ghal din il-Qorti li fil-verità kien il-parte civile -Omissis- li kien jibghat b'mod insistenti lill-imputat u mhux bil-maqlub;

Illi ghalhekk din il-Qorti mhix ser issib htija fuq it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5) u s-sitt (6) akkuza stante provi konfliggenti;

**IKKUNSIDRAT**

Illi -Omissis- qed jigi akkuzat ukoll bl-akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni sancit mill-Artikolu 203(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li prezentement u cioè wara l-emenda b'Att XIII tal-2018, dan l-Artikolu jghid is-segwenti:

> *"203.(1) Kull min, b'ghemil zieni, jikkorrompi persuna ta' taht is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn erbgha sa tmien snin:*
>
> *Izda, il-piena għal dan id-delitt tkun ta' prigunerija minn sitta sa tnax-il sena, fil-kaz li tirrizulta wahda jew izjed mic-cirkostanzi li gejjin: ..."*

Imbaghad is-Subinciz (1A) tal-istess Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

> *"Meta l-ghemil ikun kunsenswali bejn il-pari, li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta' zvilupp u sa fejn l-atti ma jkunux jinvolvu abbuz fiziku u, jew psikologiku, il-piena ghandha titnaqqas bi gradjew zewg gradi."*

Illi qabel l-emenda tal-2017 dan ir-reat kien sancit mill-Artikolu 203(1) li kien jaqra s-segwenti:

*"Kull min, b'eghmil zieni, jikkorrompi persuna ta' taht l-età, tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha:"*

Illi kif inghad aktar 'il fuq f'din is-sentenza l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' attività sesswali ma' minorenni. Illi qabel l-emenda tal-2018 dan ir-reat kien sancit mill-Artikolu 204C li kien jaqra is-segwenti:

*"Kull min jipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-età jista', meta jinsab ħati, jeħel priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn, bir-reklużjoni jew mingħajrha.*

Illi qabel l-introduzzjoni tal-atti ccitati l-ligi ma kinitx tiehu qies tal-kunsens tal-parte civile f'sitwazzjonijiet bhal ma ghandha din il-Qorti fil-kawza odjerna. Il-konsiderazzjonijiet tal-kunsens, kif ukoll tal-età qarib bejn il-parte civile u l-imputat u tal-livell ta' zvilupp tal-istess parte civile huma kollha fatturi li tghin lill-Qorti sabiex timmitiga l-akkuzi fil-konfront tal-imputat;

Illi din il-mitigazzjoni flimkien mal-fatt li l-akkuzat kien ghadu minuri fiz-zmien li sehhew l-allegati reati jirrifletti l-piena li ser tinghata minn din il-Qorti;

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 31(1)(b)(vii), 203(1) u (1A), 204C(1) u (3) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **-Omissis-** hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) akkuzi kif dedotti kontrih u stante li l-ewwel (1) akkuza hija mezz ghal fini tat-tieni (2) akkuza, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li l-imputat **-Omissis-** jitpogga taht Ordni ta' Probation ghal tliet (3) snin filwaqt li tiddikjara l-imputat mhux hati tat-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5) u s-sitt (6) akkuzi kif dedotti kontrih stante li ma gewx ippruvati.

Liema ordni ghandha taghmel parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

Ulterjorment, a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat -

Omissis- ghall hlas tal-ispejjez peritali li jammontaw ghal sitt mija u tnejn u disghin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€692.78).

**Finalment qed jigi dikjarat illi l-imputat mhux ser jitqieghed fil-lista msemmija fil-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta stante li dak iz-zmien li twettaq ir-reat kien minorenni u stante li ma hemm xejn fl-atti li jindika li dan ghandu jsir.**

**__________________________________________**

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**